IL-BELT VICTORIA

RIVISTA MAĦRUĠA MILL-PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ — GĦAWDEX.

*Nru. 3* *NOVEMBRU - DIĊEMBRU 1981*

## EDITORJAL

*LABOREM EXERCENS: it-tielet enċiklika tal-Papa*

F'nofs ix-xahar ta' Settembru l-Q.T. il-Papa Ġwanni Pawlu II ippubblika it-tielet enċiklika tiegħu li titkellem dwar ix-xogħol: id-dinjità tiegħu, id-dritt għalih, u l-qdusija li x-xogħol iwassal fuq il-bniedem li jaħdem.

Hija enċiklika ta' Papa Ħaddiem, li jaf verament it-toqol tax-xogħol, speċjalment iż-żmien li għamel jaħdem ġewwa l-minjieri. Hija Enċiklika ta' Papa Uman li għandu qalb kbira li biha jħobb u jistma lill-bniedem. Hija enċiklika ta' Papa Qaddis li jrid lill-ħaddiema kollha jsiru qaddisin.

Minn hawn u ftit granet oħra ser tiġi ppubblika traduzzjoni ta' din l-enċiklika. Aħna nħeġġukom biex kull familja takkwista kopja tagħha, taqraha u tiddiskutiha flimkien. Il-parroċċa tagħna, flimkien mal-Moviment Azzjoni Soċjali ħasbet biex twasslilna it-tagħlim soċjali li ġġorr magħha din l-enċiklika. Nistednukom, anzi nħeġġukom biex kull membru tal-Komunità parrokkjali tagħna jattendi għal dawn il-laqgħat li ser isiru fix-xahar ta' Novembru.

B'hekk inkunu qed nitħejjew tajjeb għall-granet tal-Avvent li għoddhom waslu fuqna. Dawn il-laqgħat jgħallmuna nħejju ruħna aħjar biex flimkien niċċelebraw Milied qaddis, li jhenni il-qlubna u jgħinna nifhmu iktar x'għamel għalina Kristu Ħaddiem.

Ninqdew b'din l-okkażżjoni biex f'isem il-*Board* kollu ta' din ir-rivista nixtiequlkom ilkoll il-Milied it-Tajjeb.



***ĠIMGĦA TA' TAGĦLIM GĦAL KULĦADD DWAR L-AĦĦAR ENĊIKLIKA TAL-PAPA PREŻENTI***

**"LABOREM EXERCENS"**

*FIL-BAŻILIKA TA' SAN ĠORĠ*
*MINN NHAR IT-TNEJN 16 TA' NOVEMBRU*
*SA NHAR IS-SIBT 21 TA' NOVEMBRU*
KULJUM FIS-6.00 P.M.
(QUDDIESA WAĦDA BISS FIL-5.30 P.M.)
*PROGRAMM DETTALJAT JINGĦATA IKTAR 'L QUDDIEM*
(Organiżżazzjoni: *Moviment Azzjoni Soċjali - Għawdex)*

"IL-BELT VICTORIA"
Revista ta' kull xahrejn
Uffiċċju Editorjali: Ċentru Parrokkjali San Ġorġ,
Triq Karità — Victoria, Għawdex.
Tel: 556377



## NILTAQGĦU NHAR

### NOVEMBRU

**Il-Ħadd 1 ta' Novembru:**
Solennità tal-Qaddis Kollha. Fit-8.00 a.m. Konċelebrazzjoni Solenni.

**It-Tnejn 2 ta' Novembru:**
Tifkira tal-Mejtin kollha. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Funebri.

**L-Erbgħa 4 ta' Novembru**
Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 6 ta' Novembru:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Espożizzjoni Solenni.

**It-Tnejn 9 ta' Novembru:**
FESTA TAD-DEDIKAZZJONI TA' L-ARĊIBAŻILIKA TA' SAN ĠWANN LATERAN. Fis-6.00 p.m. KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI MMEXXIJA MILL-EĊĊ-TIEGĦU MONS. ISQOF NIKOL CAUCHI, DEKAN TAL-KAPITLU.

**Mit-Tnejn 16 sas-Sibt 21 ta' Novembru:**
*Ġimgħa ta' tagħlim għal kulħadd dwar l-aħħar enċiklika tal-Papa. Organiżżata mill-Moviment Azzjoni Soċjali (Għawdex).*

**Il-Ħadd 22 ta' Novembru:**
Solennità ta' Kristu Sultan. Konċelebrazzjoni solenni u purċissjoni bis-Santissmu Sagrament fit-8.00 a.m.

**Il-Ħadd 29 ta' Novembru:**
L-Ewwel Ħadd ta' l-Avvent: Fl-4.00p.m. Quddiesa bil-priedka tal-Kwareżimal.

### DIĊEMBRU

**L-Erbgħa 2 ta' Diċembru:**
Siegħa Adorazzjoni Komunitarja fis-2.00 p.m.

**Il-Ġimgħa 4 ta' Diċembru:**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar. Jum Espożizzjoni Solenni.

**It-Tlieta 8 ta' Diċembru**
*Solennità tat-Tnissil bla Tebgħa tal-Beata Verġni Marija. Fis-6.00 p.m. Konċelebrazzjoni Solenni.*

**It-Tlieta 15 ta' Novembru:**
Fis-6.00 P.M. Bidu tan-Novena tal-Milied. Quddiesa bil-priedka u kant ta' l-Alma Redemptoris.

**Il-Ħamis 24 ta' Diċembru:**
Lejlet il-Milied. Fil-11.30 p.m. Kant ta' Carols. F' nofs il-lejl Konċelebrazzjoni Solenni.

**Il-Ġimgħa 25 ta' Diċembru:**
*Solennità tat-Twelid tal-Mulej. Fl-4.00 p.m. Konċelebrazzjoni Pontifikali mmexxija minn Mons. Isqof Nikol Cauchi, Dekan tal-Kapitlu.*

**Il-Ħamis 31 ta' Diċembru:**
L-AĦĦAR JUM TAS-SENA. FIL-5.00 P.M. KONĊELEBRAZZJONI PONTIFIKALI SOLENNI MILL-ISQOF NIKOL CAUCHI U KANT TA' TE DEUM.



## ULIED ĠODDA FIL-PARROĊĊA

| | |
|---|---|
| 12. 8.81 | *CHRISTINE bint Ġorġ Farrugia u Rita Grech* |
| 23. 8.81 | *ANDREW iben Teddy Said u M'Giovanna Mintoff* |
| 27. 8.81 | *JUSTIN u LILIAN ulied Joseph Sacco u Gina Attard* |
| 29. 8.81 | *ERIC iben Victor Borg u Maria Cremona* |
| 13. 9.81 | *MAUREEN bint John Bonnici u M'Concetta Spiteri* |
| 3.10.81 | *ANDREA bint Ġorġ Mejlak u Lysette Caruana* |



## INGĦAQDU FIŻ-ŻWIEĠ NISRANI

| | |
|---|---|
| 8. 8.81 | *Laurence Zammit ma' Angela Grech* |
| 5. 9.81 | *Marcell Tabone ma' Anna Ellis* |
| 12. 9.81 | *Joseph Xerri ma' Anna Gauci* |
| 13. 9.81 | *Raymond Cauchi ma' M'Dolores Xuereb* |
| 4.10.81 | *Anthony Spiteri ma' Catherine Portelli* |



## DAĦLU QABILNA FL-ETERNITÀ

| | |
|---|---|
| 20.8.81 | *Mikelangelo Zammit* |
| 31.8.81 | *Maria Roża Xuereb* |
| 15.9.81 | *Feliċissima Spiteri* |
| 15.9.81 | *Gużeppi Spiteri* |
| 22.9.81 | *Assunta Debattista* |

# IL-MILIED ŻMIEN IR-RIGALI

Resqin lejn żmien il-Milied, żmien li mal-mewġa ta' ferħ qaddis li jġib miegħu, iġib mewġa oħra ta' nfiq ta' flus. Tonfoq iktar mis-soltu mhux biss għalik innifsek imma ukoll għal tal-familja u għal ħbiebek tal-qrib u tal-bogħod. Niftiehmu, m'hemmx bżonn jiġi l-Milied biex taħseb tixtri xi rigali. Illum żdiedu l-okkażjonijiet soċjali u r-rigali saru iktar moda minn dari. Biżżejjed wieħed isiefer safra ta' ġimgħa, ta' madwaru jistennew dak ir-rikordju, jekk mhux ukoll xi ħaġa lussuża. Ir-rigali, hawn min igħidlek, saru bħal kera li jorqod u jqum miegħek; saru rigali tal-konvenjenza — tagħtihom għax ma tistax tagħmel ieħor; stednuk u tistħi ma tagħtix; u jekk ma tagħtix, igħidu bik.

Imma niġu għar-rigali li tagħtihom bi tbissima u minn qalbek. Meta tagħti rigal b'mod ġenwin, qabel xejn iġġib quddiem għajnejk il-gosti ta' min ser jirċievi. Jekk ser tagħti rigal lil xi marid, toqgħod bla dubju b'seba' għajnejn biex dak li ser tagħti ma jservix ta' deni flok ta' ġid. Jekk il-marid jinzerta dijabetiku, żgur li ma jgħaddilekx minn moħħok li tressaqlu xi kaxxa ċikkulatini jew xi borża ħelu minn taħt il-taħt. Meta tagħti rigal lil xi tifel, tara li dar-rigal li sa tixtri ma jixgħelx il-bozza ħamra tal-periklu kull darba li t-tifel jaqbdu f'idejh. Jekk għadu bilkemm tgħallem iħaddem il-muskoli ta' idejh, aħjar tagħtih oġġett artab taċ-ċarruta milli, ngħidu aħna, xi ġugarell bi xfar ippuntati. Illum fis-suq issib ġugarelli soffistikati u mekkaniċi ta' kull xorta, imma ġie li ftit plastellina rħisa tgħin it-tfal ikabbru sens ta' kreattività iktar minn elf ġugarell.

Qed insemmi r-rigali tat-tfal u f'moħħi reġa' tfaċċa żmien il-Milied. It-tfal f'dan l-istaġun jirċievu ġżuż ta' rigali. Ta' min igħallimhom lit-tfal jiftakru f'ħaddieħor, fit-tfal tal-istituti jew morda f'xi sptar. Jaqbel u jixraq li t-tifel jidra sa minn ċkunitu jagħmel sagrifiċċju żgħir u jiċċaħħad minn xi ħaġa. L-għajta ta' "Tini, tini, tini!" tidwi wisq f'widnejna. It-tifel jaf ikollu karus u jasal biex joħroġ xi ħaġa mill-imfaddal li għandu biex joffriha lil min hu inqas ixxurtjat minnu. Din il-ġenerożità hija awgurju ta' qalb edukata, u lil dan it-tifel altruwista minn issa stess nieqaf u mmur fuqu sabiex neħodlu b'idejh.

Ir-rigali huma sbieħ meta ma jkunux imqanqla mill-ambizzjoni, meta ma jkunux jistadu bil-moħbi għal xi pjaċir, meta ma jkunux sa jgħabbu lil dak li jkun bil-piż ta' l-obbligu. Ta' min igħożżhom ir-rigali meta dawn ikunu frott ta' qalb ġeneruża, meta jkunu għelm ta' ħbiberija jew gratitudni. Fost l-egħżeż rigali hemm dawk li ma tixtrihomx bil-flus, imma toħroġhom minn ġo fik innifsek — meta inti toffri mill-ħin jew il-kapaċità li għandek b'risq ħaddieħor. Dawn huma rigali ġenwini li jsarrfu daqs id-deheb ta' erbgħa w għoxrin karat. Mhumiex rigali tal-konvenjenza li tagħtihom b'wiċċek imqarras, imma rigali li tagħtihom bi spirtu ġenwin, rigali li jferrhu lil min jirċevihom daqs lil min jagħtihom.

**A. & M. PRINTING LTD., ta' 103a, Conception Street, Qala, Gozo. Tel: 556071, 551488 l-istampaturi ta' dan il-fuljett, jixtiequ jieħdu din l-opportunità biex jawguraw il-Milied u s-Sena t-Tajba lill-qarrejja kollha.**


**FOR ALL SORTS OF SPIRTS**
**SHOP AT**
**THE BOTTLE BANK**
*WINE AND SPIRITS CELLARS*
**24, MAIN SQUARE,**
**VICTORIA, GOZO.**

**A.F. ELLIS LTD.**
**4, Għajn Qatet Str., Victoria, Gozo.**
Marblers - Floor Tiles Manufacturers,
Suppliers of Domestic Appliances,
Bathroom Suites & All Building Materials.
***Tel: GOZO 556021, 556630 MALTA 42314.***

**JIKTBILNA**
**NAZJU ABELA**
***EDITUR FAMILJAKANA***

# *IT-TALB IŻOMM IL-FAMILJA MAGĦQUDA*

Fr. Peyton, Ġiżwita Amerikan, waqt kruċjata biex il-familji amerikani jibdew jitolbu iżjed, speċjalment bit-talba sabiħa tar-rużarju, ħareġ bil-famuż slogan: **"THE FAMILY THAT PRAYS TOGETHER, STAYS TOGETHER" — *"IL-FAMILJA LI TITLOB FLIMKIEN TIBQA' SĦIĦA"*.** Din l-għajta ta' Fr. Peyton għamlet ħafna ġid biex ssalva ħafna familji amerikani.

**IT-TALB FIL-FAMILJA,** huwa meħtieġ mhux biss biex iżomm lill-familja magħquda, iżda biex ikun il-għajn u l-ħajja ta' kull familja li trid tgħix fis-sliem. Familja li l-membri tagħha ma jitolbux jew li qatt ma jsibu ħin biex, almenu għal ftit mumenti jieqfu ftit minn dak li qed jagħmlu biex jitolbu flimkien, huma familji li m'għandhom l-ebda lqugħ għar-rwiefen u l-kurrenti perikolużi morali u soċjali li jħabbtu fuq il-bibien tal-familji.

**GĦALIEX HUWA MEĦTIEĠ IT-TALB FIL-FAMILJA.**

It-talb isir meta l-bniedem jerfa' moħħu u qalbu lejn Alla. Nitolbu mhux biss biex naqilgħu xi grazzja iżda wkoll biex nirringrazzjawH, nadurawH, waqt li nitolbuH kontinwament il-maħfra tad-dnubiet u n-nuqqasijiet tagħna. Issa, jekk huwa tant meħtieġ għall-individwu, kemm hu isbaħ u aktar essenzjali li t-talb jitrawwem u jitkattar fil-familji fejn jinxteħtu tant grazzji minn Alla.

Fil-familja għandek, tista' tgħid, il-ħtiġijiet kollha
- il-protezzjoni ta' l-ulied;
- il-kontinwazzjoni ta' l-imħabba;
- l-impjieg jew ix-xogħol meħtieġ għall-għixien;
- l-edukazzjoni ta' l-ulied;
- il-mard u s-saħħa ta' membri tal-familja;
- ix-xogħol li jrid isir kuljum fid-dar bħal m'huwa t-tisjir, tindif, ħasil, tiswija, eċċ;
- mumenti ta' taqtigħ il-qalb minħabba xi deċiżjoni kbira;
- mumenti ta' tensjoni u nuqqas ta' paċenzja:

u tant ħtiġijiet oħra. Għal dawn kollha, l-arma naturali tan-nisrani fi ħdan il-familja, għandha tkun it-talb.

**X'Talb Għandu Jingħad:**

Meta nitkellmu fuq it-talb tal-familja, ħafna jaħsbu li dan jikkonsisti biss fir-Rużarju Mqaddes. Veru li r-Rużarju huwa talba sabiħa ħafna u donnha maħluqa apposta għall-familja, imma ċertament li r-rużarju mhux il-bidu u t-tmiem tat-talb fi ħdan il-familja. Hawn irrid nesprimi opinjoni personali li nħossni wisq favur tagħha u din hija l-

**QUDDIESA L-FAMILJA KOLLHA FLIMKIEN.** Għaliex jien nirraġuna li billi l-Quddiesa hija l-aqwa forma ta' talb, fejn u sakemm huwa possibbli, il-familja kollha għandha tattendi għaliha FLIMKIEN biex tieħu sehem ukoll flimkien f'din l-ikla ewkaristika, speċjalment fil-jum tal-Ħadd.

Imbagħad, fil-familja, u partikularment ġewwa djarna, hemm talb ieħor li wieħed għandu jikkoltiva minbarra r-Rużarju. Fost l-oħrajn hemm:
- it-talb ta' qabel u ta' **wara** l-ikel (f'ħafna familji tingħad ta' qabel iżda jinsew ta' wara;
- it-talba tat-tmienja ta' filgħodu u l-Angelus nofsinhar;
- talb għall-mejtin u talb ieħor uffiċċjali.

Però tajjeb ukoll li nrawwmu fil-familja tagħna, talb ieħor qasir u pjuttost spontanju li l-ulied jitgħallmu mingħand il-ġenituri f'mumenti bħal m'huma:

- aħbar ta' xi diżgrazzja;
- aħbar tajba li tolqot lill-familja;
- nuqqas ta' xi ħaġa essenzjali;
- telf ta' xi oġġett prezzjuż li jkollna bżonnu f'idejna (f'dil-ħaġa, Sant'Antnin huwa l-qaddis favorit...);

**For all plain paper copying call at the**
***RANK XEROX BUREAU***
*(opposite Lyceum)*
Business Hours:
**8.00 a.m. — 12.30 p.m.**
**3.00 p.m. — 6.30 p.m.**
**Saturdays: 8.00 a.m. — 12.00**

• mard u/jew uġiegħ ta' xi membru tal-familja; u okkażjonijiet oħra li taf toffri l-ħajja. Aktar ma' l-familja tagħmel it-talb il-bażi tagħha ta' kuljum, akbar huwa ċ-ċans li jsaltnu fuqha s-sliem u fuq kollox il-Barka t'Alla.

**Devozzjoni oħra fil-familja**

Biex jikber l-ispirtu nisrani fil-familja tagħna bit-talb bħala bażi tajjeb ukoll li nikkultivaw ukoll xi devozzjonijiet partikulari li jkomplu jgħinu lill-istess familja. Fost dawn ta' min isemmi: devozzjoni (imseħħba mit-talb) lill-qaddisin t'isem kull membru tal-familja u nsiru nafu meta tiġi l-festa tagħhom — festi speċjali bħal m'huma l-Milied, il-Ġimgħa Mqaddsa, il-festa titulari tal-parroċċa, festi kmandati oħra speċjalment dik ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, il-festa għażiża ta' l-Ewwel Tqarbina, il-festa tal-Griżma ta' l-Isqof jew għerusija ta' xi membru tal-familja u kull devozzjoni oħra li toriġina fil-familja. Hawn ta' min jirrakkomanda ħafna li kull familja u kull dar għandhom ikunu konsagrati lill-Qalb ta' Ġesù u ta' Marija.

It-talb fil-familja għandu jkun bħal mhu l-ilma fil-vit tagħna li nużawh kważi għal kollox speċjalment għax-xorb u għal-ħasil biex isostnina u jnaddafna. Daqstant ieħor it-talb bħall-ilma ġieri jaħsel, inaddaf u jgħajjex il-ħajja nisranija tal-familji tagħna f'kull ħin u f'kull okkażjoni.


**MEJLAK JEWELLERY**
*24, Republic Street, Victoria. Tel: 551303*
**FOR GOLD, SILVER, WATCHES & GEMS**
**AT THEIR REAL VALUE**
**AN OLD NAME IN THE TRADE**


**NIFIRĦU.......**

**lil DUN ANTON CEFAI li din is-sena għalaq 50 sena saċerdot u qaddes quddiesa ta' l-okkażjoni fil-Bażilika tagħna nhar l-Erbgħa 30 ta' Settembru.**
**Lil Kan. DUN ĠWANN MERCIECA u lil Kan. DUN KARM GRECH li din is-sena għalqu 25 sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tagħhom.**

**AD MULTOS ANNOS.**


**FINO GOZO LTD.**
*For:*
***Chipboard, Plywood, Laminated Plastic, Furniture handles and fittings, Varnishes, Aluminium profiles and fittings, glues, I.C.I. Emulsion Paints, Auto Spray Paints.***
*Call at:* **ḞINO STORES**
**Mgr. Pietro Pace Street,**
***(Near Bishop's Conservatory)***
**Victoria, Gozo. Tel: 551500**



**BUSINESS CONTACTS**

Mid-Med Bank can help you establish business contacts worldwide. Nowhere is too far away, nor is any information too difficult to obtain.

The Bank, through its worldwide network of correspondent banks, and the specialised services of its Research & Advisory Unit, can provide up-to-date reports on trade patterns, export markets and import regulations.

Mid-Med Bank
**reliability and efficiency**

**Mid-Med Bank Ltd. Head Office: 233 Republic Street, Valletta.**
**Tel. 625281 - 38 Branches in Malta and Gozo.**




Għeżież tfal,

Issa għadda ż-żmien sewwa minn dak in-nhar li mortu lura lejn l-iskola wara l-vaganzi twal tas-sajf. Nittama li drajtu u sal-lum tinsabu mexjin tajjeb ħafna fl-istudji tagħkom u t-tagħlim li qed jagħtukom it-teachers tagħkom. Qisu li tobduhom u tagħmlu dejjem dak li jkunu jridu mingħandkom, u tinsewx tgħidulhom "grazzi" kbira minn qiegħ qalbkom għal dak kollu li jagħmlu magħkom b'tant sagrifiċċju.

Issa, bil-mod il-mod, qiegħda toqrob il-festa sabieħa u tant għażiża — l-aktar għalikom it-tfal — tat-twelid ta' Ġesù Bambin. Ftit tal-ġranet oħra u niċċelebraw il-Milied. U hekk kif insemmu din il-kelma, meta ngħidu wasal il-Milied, mill-ewwel jiġuna f'moħħna l-presepju bil-pasturi, il-ġulbiena, leħjiet ix-xiħ, ir-rina, l-Christmas Tree u fl-aħħarnett, iżda żgur mhux l-inqas, ir-rigali.

Il-Milied hija festa tar-rigali, tabilħaqq! F'dawk il-ġranet sbieħ ta' ferħ għal kulħadd, ilkoll kemm aħna nfittxu li nagħtu l-isbaħ u l-aqwa rigali lill-ġenituri tagħna, lil ħutna, lil dawk kollha li jiġu minna, lill-ħbieb u anke lit-teachers tagħna jew lil dawk li jieħdu ħsiebna.

Iżda jsita jkun, għeżież tfal, li fit-telfa ta' dawn in-nies kollha li semmejna ninsew lil xi ħadd. Ninsew lil dak li l-iktar iħobbna u jridilna l-ġid. Ninsew lil Ġesù Bambin. Mela, dawk li qatt ma jinsewh qis li ma jinsewhx dis-sena, u l-oħrajn li forsi jinsewh, mhux għax iridu, jagħmlu ħilithom kollha biex din is-sena jiftakru fih mill-ewwel u jagħtuh rigal.

Imma, nistħajjilkom tgħiduli: "X'rigal se nagħtu lil Ġesù Bambin?" Għandkom raġun! Tfal intom tafu bħali li Ġesù m'għandux bżonn ta' ħwejjeġ x'jilbes, toys biex jilgħab bihom, jew flus biex jonfoq. Tafu x'irid minna Ġesù? Li nkunu tfal tajba u bil-għaqal, nobdu u nirrispettaw lill-ġenituri tagħna, lit-teachers u lil kull min iridilna l-ġid; immorru l-quddies, nitqarrbnu u ngħidu r-rużarju kull jum; ngħinu lil min hu fil-bżonn, u ħwejjeġ sbieħ bħal dawn.

Dan għandu jkun ir-rigal tagħkom lil Ġesù Bambin fil-Milied li ġej.

**Il-Bambin iberikhom,**
**Tatà,**
**Iz-Ziju Peppi.**

***Kompetizzjoni Nru. 2:***

*Ikteb madwar sittin kelma (60) u għid x'rigal l-iktar li tixtieq għall-Milied u għaliex.*

***Żmien sa nhar is-Sibt 5 ta' Diċembru 1981.** Ibgħatu r-risposta tagħom f'dan l-indirizz:*
*IL-BELT VITTORJA, Ċentru Parrokkjali San Ġorġ, Triq Karità, Victoria.*

**Riżultat tal-Kompetizzjoni Nru. 1.**

Il-kliem imħawwdin kienu: LONDRA, AMSTERDAM, LISBONA, PRAGA, PARIĠI, COPENHAGEN. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni hija DOREEN ATTARD, N.B., St. Augustine Street, li telgħet bix-xorti fost dawk li rċevejna. Il-Premju ta' T-Shirt mid-Ditta CASIO, li għandhom ħanut quddiem il-Liċeo, u Ktieb tista' tiġborhom mill-Uffiċċju Parrokkjali.

## OFFREW DONAZZJONI GĦALL-ISPEJJEŻ TAR-RIVISTA

N.N. (Victoria) £M5
Saċerdot (Victoria) £M1
Familja Micallef £M1
Familja Grech (Sydney Aust.) £M2.50
Familja Said (Sydney Aust.) £M2.50
Familja Zammit (Toronto Canada) £M3
G. Grech (Victoria) 50c
S. Farrugia (Victoria) 50c
N.N. (Victoria) £M1
Familja Camilleri (Victoria) £M1
Familja Cassar (Victoria) £M1

*Nota: Diversi persuni offrew ukoll 10c imma mhux possibbli nġibu isimhom minħabba nuqqas ta' spazju. Lil kulħadd - GRAZZI.*

## IL-QADDIS TAX-XAHAR

10 ta' Novembru

### Sant Andrija Avellino, Konfessur (1951 — 1608)

Twieled Castronovo, qrib Napli. Tawh l-isem ta' Lanċellotto. Wara li beda l-iskola f'beltu, mar jistudja l-letteratura u l-filosofija ġo Venezja. Hawn ħa d-Dottorat, ħa l-Quddiesa u beda jaħdem fil-qorti Ekkleżjastika. Waqt li darba kien jiddefendi kawża qal gidba; malajr intebaħ bil-periklu tal-karriera tiegħu u qatagħha li jħalliha u li jagħti ruħu għall-ministeru saċerdotali. Fl-1556 il-Kardinal Ribiba fdalu f'idejh ir-riforma tas-Sorijiet Benedittini ta' Baiano. Hawn il-ħidma tiegħu ma kellhiex suċċess imħabba fost l-oħrajn ir-reżistenza ta' bosta sorijiet.

Sadattant, Don Lanċellotto, diżgustat mid-dinja, xtaq li jsir reliġjuż. Daħal mal-kjeriċi regulari Teatini, imwaqqfin Napli minn San Gejtanu xi 30 sena qabel. Kellu 35 sena u mal-bidla ta' ħajtu ukoll biddel ismu u ħa l-isem ta' Andrija. Baqa' 14-il sena Napli fejn għamel bosta ġid spiritwali tant li ħatruh l-ewwel majjistru tan-novizzi u mbagħad superjur. Iż-żelu tiegħu kien magħruf minn kulhadd, fosthom San Karlu Borromeo. Dan talbu fl-1570 biex jiġi jiftaħ kunvent Milan. Warajh fetaħ dar oħra Pjaċenza fejn ikkonverta bosta nisa nobbli.

Il-priedki tiegħu kisbu ħafna frott fost midinbin kbar. Għamel bosta mirakli f'ħajtu, fosthom il-każ ta' wieħed li ma kienx jemmen fil-Preżenza Reali, u li wara li tqarben għar-rispett uman, ħeba l-Ostja ġol-maktur li mbagħad sabu mċappas bid-demm. Mar iqerr għand il-Qaddis li ppubblika l-fatt bla ma semma l-isem. Fl-1590 il-Papa Girgor XIV ried jaħtru Isqof, iżda hu tant talbu biex iħallih sempliċi membru li l-Papa aċċetta.

Fl-10 ta' Novembru, ta' 87 sena, il-Qaddis taħ attakk tal-qalb waqt li kien se jibda jqaddes, u miet wara nofs in-nhar. Jingħad li xi demm, li xi tobba ħarġulu minn ġismu, u li kien miżmum bil-qima ta' relikwja, beda jagħli u jsir likwidu, kemm erbat ijiem wara mewtu u fl-anniversarju ta' mewtu. Ikkanonizżah il-Papa Klement XI fl-1712.

Qatt ma fittex lilu nnifsu; iżda biss il-ġid ta' l-erwieħ. Il-lum Sant Andrija Avellino hu l-Qaddis Protettur ta' dawk li jkollhom mewta ta' malajr.



## IL-KOPPLA TAL-BAŻILIKA

### *It-Tieni Kwadru*

**"Vincenti Dabo Manna Absconditum"**

***Minn jirbaħ nagħtih mill-Manna Moħbija***

Il-manna kien dak l-ikel misterjuż li niżel mis-sema biex imantni l-poplu t'Alla fid-deżert. Kien ikel delizzjuż. Dak l-ikel tas-sema jfisser (a) l-Ewkaristija, imsejjħa Ħobż tas-Sema; (b) id-dgawdija mal-qaddisin fis-sema li dwarha Ġesù qal: "Inlestilkom il-post biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda tiegħi, fir-renju tiegħi."

Għalhekk lil minn jirbaħ Ġesù jwiegħdu l-ħlewwa li dgawdi r-ruħ fl-Ewkaristija u magħha d-dgawdija tal-ġenna fil-ħajja eterna. Dan il-messaġġ tat-tieni kwadru huwa figura li taqbel lill-Qaddis Martri San Ġorġ, li rebaħ il-ħażen tad-dinja u issa qed igawdi l-hena ta' dejjem fil-ġenna.

## GRAZZI LID-DISTRIBUTURI

***Din hija t-tielet harġa tar-Rivista tagħna "IL-BELT VICTORJA". Il-Bord Editorjali flimkien ma' Mons. Arċipriet jixtiequ jroddu ħajr lil dawk kollha li kull xahrejn joffru l-għajnuna tagħhom fit-tqassim tar-rivista lill-familji kollha tal-parroċċa. Għall-okkażżjoni tal-festi tal-Milied ser tiġi organiżżata attività speċjali għad-distributuri kollha. GRAZZI.***



**Mro Ġianni Vella**

*Mro Ġianni Vella ilu assoċjat mal Banda La Stella għal dawn l-aħħar 59 sena. Bejn is-snin 1951–1956 huwa serva bħala Surmast Direttur u taħt it-treġija għaqlija tiegħu l-Banda La Stella kompliet tkabbar isimha mhux biss f'dawn il-gżejjer iżda saħansitra barra minn Malta. Bħala Surmast Direttur huwa tella' programm mużikali f'Villa Bellini, Catania (1954), u snin wara idderieġa l-Banda (fl-assenza tas-Surmast Direttur) f'żewġ kunċerti oħra kbar li saru f'Como u Lugano. F'Settemnru 1970, minħabba fl-età tiegħu, huwa ċeda postu lill-ibnu, Mro Joseph Vella B.Mus., F.L.C.M.; dan ta' l-aħħar, xejn anqas minn missieru, qiegħed jissokta miexi fl-istess triq li wasslet lill-banda tikseb tant suċċessi u unuri.*

## ASSISTENT DIRETTUR ĠDID

### *Għall-Banda "La Stella"*

Il-Banda Ċittadina La Stella ħatret Assistent Surmast Direttur Ġdid. Dan huwa Mro. John Galea, li qed jieħu post is-surmast anzjan, Mro. Ġianni Vella, li rtira minn din il-kariga minħabba raġunijiet ta' saħħa.

Il-ħatra ta' Mro Galea bħala assistent surmast tħabbret nhar il-Ħadd 11 ta' Ottubru mis-Segretarju Ġenerali ta' Soċjetà, is-sur Paul M. Cassar, waqt Laqgħa Ġenerali li ssejħet għall-okkażjoni. Il-ħatra ġiet milqugħa b'akklamazzjoni kbira.

F'diskors li għamel is-Sur Cassar fisser kemm kien tabilħaqq diffiċli għall-Kumitat tiegħu li jimla l-vojt kbir li ħalla warajh Mro. Ġianni Vella. Huwa qal li għal snin twal is-Surmast Vella ta kontribut indispensabbli lis-Soċjetà u kien dejjem ammirat għall-ħidma u d-determinazzjoni tiegħu. Huwa kien jissagrifika kollox għat-tagħlim tal-mużika. Ċert li huwa jibqa' meqjus bħala wieħed mill-pilastri ewlenin li fuqhom trawmet il-Banda La Stella.

Bħala apprezzament tal-ħidma sfiqa li Mro. G. Vella wettaq b'risq il-banda, is-Sur Cassar ippreżentalu rigal sabiex jibqa' tifkira tal-Għaqda Mużikali li huwa sa minn dejjem kellu għal qalbu.

Dwar il-ħatra tal-Asst. Surmast ġdid, is-Sur Cassar qal li s-Soċjetà kienet fortunata li kellha fi ħdanha bniedem verament hekk bravu fil-kamp mużikali fil-persuna ta' Mro. John Galea. Huwa kellu kliem ta' tifħir għal Mro. Galea li, minkejja l-età żagħżugħa tiegħu, diġà kiseb riżultati sbieħ f'dak kollu li ndaħal għalih. Huwa awguralu kull suċċess fil-kariga ġdida tiegħu.



**Mro John Galea**

*Mro John Galea għandu 21 sena. Huwa studja l-mużika bħala student tas-Sinjura B. Bisazza (Sliema) u diġà kiseb id-diploma ta' L.R.S.M. u F.T.C.L. Fl-1978 huwa nħatar id-Direttur Mużikali tat-Teatru Astra, kariga li se jibqa' jżomm għal li ġej. Taħt id-direzzjoni mużikali tiegħu, ġew ippreżentati żewġ operetti: The Merry Widow u The Great Waltz, b'dik ta' l-ewwel tiġi mtella wkoll fit-Teatru Nazzjonali Manoel. F'dawn l-aħħar snin huwa kiteb diversi biċċiet ta' mużika sagra, u marċijiet brijużi. Mro J. Galea huwa wkoll rebbieħ ta' Medalja tad-Deheb fil-Konkors Nazzjonali 'Malta Mużikali'.*

**L-GĦAQDA MUŻIKALI LA STELLA LI TAGĦRAF IT-TNISSIL TAGĦHA SA MIS-SENA 1863 TFAKKAR GĦELUQ IL-100 SENA MINN META, EWLENIJA FOST IL-BANED TA' GĦAWDEX TWAQQFET UFFIĊĊJALMENT TAĦT IL-ĦARSIEN TAL-FUNDATUR TAGĦHA, PIETRU ATTARD FIL-11 TA' JANNAR, 1881.**


# A.V. BARTOLI & SONS LTD.

*THE NAME FOR ALL YOUR TRAVEL AND INSURANCE REQUIREMENTS*

Air, Sea & Rail Tickets, Air Freight & Sea Freight, Shipping & Forwarding

*Insurance:*

Travel, Motor, Factories, Shops, Burglary, Fire & Personal Belongings.

***A.V. BARTOLI & SONS LTD., NEW BUILDING, REPUBLIC STR VICTORIA - GOZO. TEL: 556446.***




A. & M. Printing Ltd., Qala, Gozo. Tel: 556071, 551488.